Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 21,472, 22 ta' Lulju, 2025
Taqsima B

A.L. 142 tal-2025

ATT FUQ AZZJONI DWAR IL-KLIMA (KAP. 643)

Regolamenti tal-2025 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Sistema Kummerċjali tal-Unjoni Ewropea dwar l-Emissjonijiet ta' Gassijiet Serra għall-Avjazzjoni

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 27(1) tal-Att fuq Azzjoni dwar il-Klima, il-Ministru responsabbli għall-politika tal-azzjoni dwar il-klima, f'konsultazzjoni mal-Awtorità għall-Azzjoni dwar il-Klima, għamlet dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu u għan.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2025 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Sistema Kummerċjali tal-Unjoni Ewropea dwar l-Emissjonijiet ta' Gassijiet Serra għall-Avjazzjoni u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar Sistema Kummerċjali tal-Unjoni Ewropea dwar l-Emissjonijiet ta' Gassijiet Serra għall-Avjazzjoni, hawn aktar 'il quddiem imsejħa r-"regolamenti prinċipali". L.S. 643.03.

(2) Dawn ir-regolamenti jkomplu jittrasponu id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ottubru 2003 li tistabbilixxi sistema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Unjoni u li temenda d-Direttiva 96/61/KE, kif emendata mid-Direttiva (UE) 2023/958 tal-Parlament Ewropew u tal-10 ta' Mejju 2023 li temenda d-Direttiva 2003/87/KE fir-rigward tal-kontribut tal-avjazzjoni għall-mira għat-tnaqqis tal-emissjonijiet għall-ekonomija kollha tal-Unjoni u tal-implimentazzjoni xierqa ta' miżura globali bbażata fuq is-suq.

Jemenda r-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali.

2. Fir-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali t-tifsira "operatur ta' inġenji tal-ajru" għandha tiġi sostitwita bit-tifsira ġdida li ġejja:

> " "operatur ta' inġenji tal-ajru" tfisser il-persuna li topera inġenji tal-ajru meta tkun qiegħda twettaq xi attività tal-avjazzjoni elenkata fl-Iskeda 1 jew fl-Iskeda 1A, jew meta tali persuna ma tkunx magħrufa jew ma tkunx identifikata mis-sid tal-inġenji tal-ajru, is-sid tal-inġenji tal-ajru;".

Jemenda r-regolament 4 tar-regolamenti prinċipali.

3. Minnufih wara sub-regolament (2) tar-regolament 4 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi miżjud is-subregolament ġdid li ġej:

"(3) Il-benefiċjarju ta' allokazzjonijiet skont dan ir-regolament għandu jiżgura l-viżibbiltà ta' tali sors ta' finanzjament.".